## 28 ta' April, 1944.

**Imhallef:**

**L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

**Pietro Vassallo *versus* Avv. Dr. Joseph M. Vella ne.**

### Promessa ta' Bejgħ — Offerti.

*Meta offerta magħmula bil-miktub tiġi aċċettata anki bil-miktub, l-iskambju ta' dawk l-iskritturi huwa biżżejjed biex jissupplixxi għall-finijiet ta' l-iskrittura li trid il-liġi għall-validità tal-promessa ta' bejgħ.*

*Jekk l-aċċettant bl-aġir tiegħu juri lill-promittent li jrid jeħles mill-obligazzjoni minnu assunta li jixtri l-fond, il-promittent jista' jinsisti għall-eżekuzzjoni tal-bejgħ jew inkella jagħżel illi jeħles lill-aċċettant mill-obligazzjoni u jbiegħ il-fond lil ħadd ieħor.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni nru. 479 tal-5 ta' Ottubru 1943, li biha l-attur, wara li qal illi wara offerti publiċi ġiet aċċettata mill-konvenut, u approvata mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, l-offerta ta' £5,000 magħmula mill-attur għall-akkwist tal-korp ta' beni numru 94, 95 u 96, Merchants Street, Valletta, appartenenti lill-assi ereditarju ta' Monsinjur Kanoniku Kapitolari Saċerdot Don Giorgio Scicluna, u li l-konvenut, appena xahar wara dik l-aċċettazzjoni ippretenda li fi żmien ħamest ijiem l-attur jersaq għall-kuntratt, u mingħajr ma ċenra d-dekorriment tat-terminu ndikat fl-art. 1071 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, irrikorra mill-ġdid lis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, u wara li espona ineżattament illi l-attur kien reċeda minn dik l-offerta talab, u b'digriet numru 903 ta' l-1943 ottjena, l-awtorizzazzjoni li jbiegħ dak il-korp ta' beni lil ħadd ieħor; u wara li qal ukoll illi huwa kien ġa għamel spejjeż ta' riċerki u oħra notarili, u minħabba l-atteġġiament inġust tal-konvenut sofra danni oħra, kompriż it-telf tal-profitt; talab illi l-istess konvenut proprio et nomine jiġi kundannat iħallas lilu d-danni li jirriżultaw minnu sofferti u li jiġu likwidati previa d-dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabili ta' dawk id-danni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tad-19 ta' Lulju 1943;

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi l-fattijiet tal-kawża

huma dawn :— Wara konkors pubbliku għall-bejgħ tal-korp ta' bini in kwistjoni indett mill-konvenut............. Il-konvenut infurmah li d-dar ma setgħetx tinbiegħ b'anqas minn £5,000; u allura l-attur offra daqstant, u l-offerta kitibhielu l-istess konvenut. Il-konvenut allura ppreżenta rikors fis-Sekonda Awla............. L-imsemmija awtorizzazzjoni ġiet ottenuta mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, u wara l-konvenut bosta drabi sejjaħ lill-attur biex jagħmlu l-att tal-konvenju, għaliex, kif spjega l-istess konvenut, għalkemm kien hemm l-offerta ta' l-attur bil-miktub u l-aċċettazzjoni tiegħu wkoll bil-miktub, u dawna flimkien setgħu jammontaw għal promessa tal-bejgħ valida skond il-liġi, iżda huwa ried ineħħi kull dubju u jkollu att ta' konvenju biex ikun żgur illi mhux biss huwa, imma anki l-attur, kien marbut sewwa. L-attur iżda qatt ma ried jersaq għall-att tal-konvenju, u dejjem wieġeb li ma kienx hemm bżonn bejn irġiel. Allura l-konvenut kiteb lill-attur aktar minn darba sabiex jiltaqgħu għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ, iżda l-attur qatt ma bagħat tweġiba............. Il-konvenut bagħat igħid lill-attur sabiex jersaq għall-kuntratt anki per mezz ta' ċertu Felice Cutajar, u dana ġieblu tweġiba li l-attur kien spjegalu illi ma kienx żmien li wieħed jixtri bini biex tiġi bomba u ttajru............. Wara ġranet l-attur reġa' sab lil Grima u offrielu li jbiegħlu l-korp ta' bini in kwistjoni, imma Grima ma riedx jieħu d-dar minn għandu. Meta kellmu l-konvenut iżda, wera li direttament minn għandu ried jixtri............ u għamel ukoll l-att tal-konvenju mal-konvenut; iżda dan avżah illi kien sejjer jinterpella lill-attur sabiex jersaq għall-kuntratt tat-trasferiment tal-korp ta' bini in kwistjoni lilu, u jekk huwa jersaq għall-kuntratt il-ftehim ta' bejniethom kellu jispiċċa. Għall-imsemmija interpellazzjoni l-attur ma bagħatx tweġiba. B'dana kollu, qabel ma l-konvenut irrikorra lejn is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti sabiex ikun jista' jbiegħ lil Grima, huwa kellem lill-attur per mezz tat-telefon biex jara x'kien bi ħsiebu jagħmel, u l-attur ippromettielu li jersaq għall-kuntratt purkè l-konvenut jaċċetta illi l-attur iħallas fuq il-kuntratt akkont ta' £2,000 u jagħtih dilazzjoni għall-kumplament. Il-konvenut aċċetta purkè l-attur iġib garanzija, iżda l-attur ma biddelx il-proposta tiegħu u l-konvenut ma aċċettahiex; sar għaldaqstant it-trasferiment tal-

korp ta' bini in kwistjoni lill-imsemmi Angiolino Grima bl-imsemmi prezz ta' £5,025;

Ikkunsidra;

Illi fil-każ preżenti *jirriżulta illi l-offerta ġiet magħmula* bil-miktub u bil-miktub aċċettata mill-konvenut, u l-iskambju ta' dawk iż-żewġ skritturi huwa biżżejjed biex jissupplixxu għall-finijiet ta' l-iskrittura *li trid il-liġi* għall-validità tal-promessa ta' bejgħ;

Illi l-konvenut issolleva l-eċċezzjoni illi l-partijiet li jkunu għamlu promessa valida ta' bejgħ ma għandhom ebda obbligu *illi jistennew jew jippermettu lill-parti* l-oħra *li tħalli* ż-żmien ta' tliet xhur jgħaddi qabel ma jersqu għall-kuntratt;

Illi ma hemmx lok li tiġi definita din il-kwistjoni, għaliex fil-każ preżenti jirriżulta illi l-attur bl-aġir tiegħu wera lill-konvenut li ried jeħles mill-obligazzjoni tiegħu li jixtri l-fond riżultanti mill-iskritt *fuq* imsemmi, u l-konvenut, li kellu d-dritt jinsisti li tiġi eżegwita dik l-obligazzjoni jew iħollu minnha, għażel li ma jinsistix għall-eżekuzzjoni tagħha u ħeles lill-attur minnha;

Xejn ma jimporta x'kienet l-intenzjoni ta' l-attur; xejn, iġifieri ma jimporta illi huwa kien qal lin-nutar li l-*fond* riedu, u li bagħat in-nies sabiex jaħdmu fih — ċirkustanza li turi li huwa riedu. Dak li jimporta huwa x'kien juri lill-konvenut, u *jirriżulta* illi lil dan l-aħħar bl-aġir tiegħu mill-ewwel urieh u sa l-aħħar baqa' jurieh li ried jeħles mill-obligazzjonijiet tiegħu riżultanti mill-promessa li jixtri l-fond. Infatti l-attur mill-ewwel ma riedx jersaq għall-att tal-konvenju..............

Il-konvenut seta' ma jikkuntentahx u jeżiġi l-adempiment tal-promessa, imma huwa seta' wkoll jikkuntentah u ma jinsistix għall-eżekuzzjoni tagħha, kif deherlu li kellu jagħmel, u x-xelta kienet tiegħu la darba l-attur urieh b'mod ċar li ma xtaqx jadempixxi l-promessa *bil-mod li* kien għamilha;

Il-konvenut għalhekk kien ġie xjolt u sar liberu li jbiegħ il-fond lil ħaddieħor, għaliex kien l-istess attur li wrieh li huwa ried jeħles mill-promessa tiegħu li jixtri bil-kondizzjonijiet oriġinarjament pattwiti;

Jerġa' jingħad li xejn ma jimporta x'intenzjoni kellu l-attur. Dak li jimporta biss huwa dak li huwa wera lill-kon-

venut, u ma jistax ikun hemm dubju illi lil dana huwa wrieh li ma xtaqx jersaq għall-kuntratt;

Għaldaqstant jekk il-konvenut ma eżegwiex il-promessa da parti tiegħu, dana kien dovut għall-fatt ta' l-istess konvenut, u għaldaqstant jekk dana l-aħħar sofra danni, sofrihom għaliex ried, bl-aġir tiegħu mal-konvenut, billi wrieh li ried jeħles mill-promessa li ixtri, speċjalment meta qallu illi ma ried x jersaq għall-kuntratt mingħajr l-immemmija dilazzjoni għall-ħlas ta' £3,000 mis-somma tal-prezz. Madankollu, ċerti danni l-attur sofrihom anki minħabba li mexa ħażin meta bagħat in-nies jaħdmu fil-fond qabel ma sar it-trasferiment ta' l-istess fond favur tiegħu;

Għal dawn il-motivi, tiċħad it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.